Saint Peter's, Zabbar

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 101**

**It-Tlieta, 3 ta' April, 2018**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews – Membru

ASSENTI B'APOLOĠIJA
Nicholas Azzopardi – Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.03pm

**101.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

101.1.1 Is-Segretarju informa lil Membri li s-Sur Nicholas Azzopardi jinsab indispost għaliex jinsab barra minn Malta, għalhekk ġie ikkunsidrat bħala skużat għal din il-laqgħa

**101.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

101.2.1 Il-minuti tal-100 laqgħa ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

101.2.2 Kien hemm kjarifika li f' minuta 100.3.7 kien hemm respons ta' erbgħa (4) minn nies li minnhom kien hemm tnejn (2) favur u tnejn (2) kontra.

Għalhekk wara din il-kjarifika il-minuti ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

**101.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

101.3.1 Is-Sur Bartolo qal li l-bankina ta' Triq l-Għakrux ser issir issa li l-Kunsill iċċara xi affarijiet mal-Kuntrattur. L-istima li intbgħatet lilna innutajna li fiha kellha l-fuq minn €1,500 f'ranep tal-garaxxijiet li aħna ma nistgħux nagħmluhom għalhekk l-ispiza ser tonqos ukoll b'dan l-ammont. Mario qal ukoll li nhar il-ħamis li ġej ser ikollu laqgħa mal-Kuntrattur biex nitkellmu wkoll dwar ir-*road humps.*

101.3.2 Is-Sur Mario Bartolo qal li l-istima taċ-ċint ta' Triq il-Farfett tal-Fejġel ser tiswa madwar €4,578 inkluż il-VAT. B'4 filati it-tul kollu. Għalhekk sar qbil li ix-xogħol jista jsir. Is-Segretarju informa lil Membri li skont il-perit m'għandnix bżonn permess tal-Planning Authority minħabba li dan diga suppost kellu jsir mis-sid. Għalhekk il-proċedura tkun li kif is-sid ikun ser jibni ikun irid jirrimborsja l-flus lil Kumitat Amministrattiv ta' dawn l-ispejjez.

101.3.3 Ic-Chairman qal li id-dog bin ġibnieh u ser jitwaħħal ukoll. Is-Sur Farrugia qal li l-importanti mhux ġo nofs parking bay għaliex ma jkunx jidher.

**101.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;**

101.4.1 Is-Sur Norman Clews staqsa fuq it-tabelli ta' Merħba fl-Area St.Peter u issuġġerixxa li inkellmu lil Jesmond tal-Koptasin. Kulħadd qabel li isiru b'dan il-mod.

101.4.2 Is-Sur Clews staqsa fuq lil min nistgħu inkellmu minħabba it-trakkijiet tal-isludge li jiġu minn ta' Barkat u jgħaddu minn Triq San Leonardu. Dan minħabba

li qed jgħaddu bi speed eċċessiv u mhux jgħatu kas ir-*road humps.*Is-Segretarju qal li ser jibgħat email lis-Sur Paul Micallef il-kap tal-impjant.

101.4.3 Is-Sur Luciano Farrugia staqsa fuq jekk jistax isir tindif sew fl-għalqa ta' Triq il-Farfett tal-Fejġel issa li inqata il-qasab. Kulħadd qabel li titnaddaf wisa' ta' bucket ta' gaffa u għalhekk nerġgħu inkellmu lil David biex jieħu ħsieb inaddafa.

101.4.4 Is-Sur Farrugia staqa wkoll meta ser isir xogħol ta' refreshing għaliex hemm bżonn. Is-Sur Bartolo qallu li ser inkellmu lil Lizio dwar dan.

**101.5 Mozzjonijiet**

101.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**101.6 Rapport Finanzjarju tal-ewwel Kwart.**

101.6.1 Ir-Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart ġie approvat unanimament.

**101.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

101.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għad-9 ta' Mejju.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-102 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 9 ta' Mejju, 2018.

IFFIRMATA

Mario Bartolo
*Chairperson*